KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 363**

**It-Tnejn 28 ta' Novembru, 2018**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Alessia Psaila Zammit –Sindku
Is-Sur Julian Borg – Vici Sindku
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Dr Mark Anthony Vassallo - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):**
Is-Sra. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sra. Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit ppresidiet il-laqgħa.

**362.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Is-Sindku qrat l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace u Clayton Cutajar.

**363.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

363.2.1 Inqraw il-minuti tas-Seduta numru 362.

363.2.2 **Punti li joħorġu mill-Minuti**

363.2.3 362.2.3 Is-Sindku qalet li qed jinġiebu kwotazzjonijiet għal cctvs kemm għal outdoor gym, għal park ta' Għar Lapsi u l-lattrina u għaż-żona ta' Ramija fejn isir l-abbuż ta' rimi ta' skart.

363.2.4 362.4.3 Is-Sindku talbet biex tissejjaħ laqgħa mal-Kuntrattur tal-ġbir tal-iskart.

363.2.5 362.5.1 Is-Sindku infurmat li l-Perit tal-Kunsill qed jipprepara l-pjanti u se jkun f'kuntatt mal-PA rigward il-permess tal-proġett.

363.2.6 362.9.1 Is-Sindku infurmat li din l-attivita' saret u intlaqgħet tajjeb ħafna kemm mit-tfal kif ukoll mill-anzjani li attendew.

363.2.7 362.9.2 Is-Sindku infurmat li it-tinżin tat-toroq għal żmien il-Milied beda u it-tifsil tal-programm ta' Pjazza Milied issa lest.

363.2.8 362.10.2 Is-Sindku fakkret li l-Kunsill Lokali kien baghat sottomissjoni lill-PA dwar din l-applikazzjoni li fiha rrimarka li fiż-żona diġa' qed ikun hemm sfidi ta' traffiku bl-infrastruttura ma tiflaħx għal proġetti li jġibu aktar trakkijiet fiż-żona. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-vot fil-Bord tal-Awtoritá tal-Ippjanar għandu jkun kontra din l-applikazzjoni iżda ssir rimarka li dan qed isir minħabba l-problemi infrastrutturali u mhux għaliex l-Kunsill ma jaqbilx mar-rijabilitazzjoni tal-barriera.

363.2.9 362.8 Is-Sindku qalet li l-Uffiċċju irċieva ittra ta' rikunsiderazzjoni mingħand l-organizzaturi tal-event. Il-Kunsill unanimament qabel li jżomm l-istess posizzjoni li ttieħdet fis-Seduta preċedenti.

**363.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

363.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar attivita' annwali tal-Milied organizzata mid-Day Centre flimkien ma' l-Iskola, fit-18 ta' Diċembru fid-9.30ta' filgħodu fl-Iskola Primarja tas-Siġġiewi.

363.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-attivita' għat-tfal tal-iskola relatata ma' Jum is-Siġġiewi ser issir fit-28 ta' Frar 2019 fis-Sala tal-Iskola.

363.3.2 Is-Sindku infurmat li l-Banda San Nikola ser jagħmlu programm mużikali

nhar il-Ħadd 2 ta' Diċembru fis-7.00am fis-sala ta' Ċentru Ċiviku. Kulħadd huwa mistieden jattendi għal din l-attivita'.

363.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li rċevejna stedina mill-E.T. il-President ta' Malta għal reception fil-Palazz ta' San Anton nhar it-Tlieta 4 ta' Diċembru 2018, fis-7.00pm.

363.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill bl-invit mill-Onor. Silvio Parnis għaċ-ċelebrazzjoni tal-25 Anniversarju tal-Kunsilli Lokali nhar it-Tnejn 3 ta' Diċembru 2018 fil-5.30pm.

363.3.5 Is-Sindku infurmat li kien hemm proposta mill-MOAM (Malta Organic Agriculture Movement) biex jagħmlu sensiela ta' 20 lekċer fuq biedja organika fiċ-Ċentru Ċiviku bejn Marzu u Settembru 2019. Il-Kors ikun mingħajr ħlas u miftuħ għal kul min għalaq it-18 –il sena. Il-Kunsill qabel li jsir dan il-kors.

363.3.6 Is-Sindku qalet li hemm talba għal permess ta' one-time-event għal filming fit-triq ta' San Niklaw. Fit-talba hemm dettalji, kif ukoll risk assessment, u kopja ta' polza ta' assikurazzjoni. Is-Sindku preżentat lista ta' kundizzjonijiet quddiem il-Kunsilliera. Il-Kunsill qabel unanimament li jinħareġ il-permess b'dawn il-kundizzjonijiet preżentati (mehmuż ma' dawn il-Minuti bħala Annex 1).

**363.4 Tenders**

Is-Sindku infurmat li it-tenders traffic Signs and Road Markings (LCS51/18) u l-Proġett tan-Night shelter (LCS /18) ġew konlużi u qegħdin fil-perjodu tal-appell.
Rigward it-tender tal-Playground equipment ta' Għar Lapsi intalbet kjarifika lit-tenderers rigward il-garanzija fuq l-apparat minħabba l-baħar. Hija qalet li l-irħas offerta ma kientx konformi mar-rekwiżiti tat-tender, u allura t-tender jingħata lit-tieni l-irħas offerent li jilħaq ir-rekwiżiti rikjesti, l-Opal Ltd.

**363.5 Tismija ta' toroq**

Is-Sindku ressqet tlett toroq fiż-żona rurali biex l-isem kif jidher fil-pjanti jiġi uffiċjalizzat minħabba reġistrazzoni ta' residenti. It-toroq huma Triq Wied il-Lewża, Triq Inżul ix-Xemx u Sqaq Wied Musa. Il-Kunsill qabel unanimament.

363.6 **Approvazzjoni ta' mili ta' Vakanza ta' Assistent Uffiċċjal Prinċipali (Skala 11)**

Is-Sindku infurmat li kien hemm applikazzjoni waħda biss, tal-impjegata Maria Muscat. Is-Sindku proponiet li Maria Muscat tiġi promossa għal skala 11 b'effett mill-1 ta' Diċembru 2018. Il-Kunsill unanimament qabel.

363.7 **Vakanza ta' *Executive Officer* (Skala 13) *back-to-back***

Is-Sindku infurmat li l-Kunsill issa għandu post vakat ta' Executive Officer fuq Skala 13 (back-to-back). Is-Sindku qalet li peress li m'hemm l-ebda impjegat attwali fil-Kunsill b'inqas minn din il-kariga, mhix ser issir sejħa interna, u allura nistgħu ngħaddu għal proċess li jmiss skond ir-regolamenti tar-Riżorsi Umani. Il-Kunsill qabel unanimament.

363.8 **Bilanċ tal-*leave/time in lieu***

363.8 Is-Sindku qalet li irċeviet talba mis-Segretarju Eżekuttiv li minħabba eżigenzi ta' xogħol, ma tistax tagħmel użu minn time-in-lieu li kienet akkumulat b'sigħat ta' xogħol meta kienet impjegata fuq Skala 10. Għalhekk hija qed titlob, li skond il-Ftehim Kollettiv (2012-2016), artiklu 18, titħallas tas-sahra li hija ħadmet, bl-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

**363.9 Items ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

363.9.1 Is-Sindku qalet li ġiet infurmata mis-Segretarju Eżekuttiv li hemm talba għal permess ta' tqegħid ta' scaffolding fi Triq il-Parroċċa. Peress li t-triq dejqa, hemm diffikultá li din tingħalaq għall-aċċess ta' vetturi, speċjalment vetturi kbar u trasport pubbliku. Il-Viċi Sindku qal li għal permess simili, l-individwu għandu japplika għal road occupancy permit mat-TM. Il-Kunsill qabel unanimament.

363.9.2

Is-Sindku qalet li hemm talba wkoll għal permess ta' tpoġġija ta' makkinarju fi Pjazza San Nikola, il-biċċa d-dejqa fejn kien hemm l-ATM tal-HSBC u z-zuntier tal-Knisja. Il-Kunsill iddeċieda li permess għat-tpoġġija ta' makkinarju għandu joħroġ bil-kundizzjoni li l-makkinarju jitpoġġa fil-parkeġġi ta' quddiem Dar Ommna Marija u fl-ebda mument ma jingħalaq l-aċċess għat-traffiku. F'kas li jkun ħa jsir armar ta' scaffolding fil-biċċa d-dejqa, l-individwu għandu japplika għal Road Occupancy permit minn TM.

363.9.3

**Laqgħa tal-Lokalita' 2019**

Is-Sindku proponiet li l-laqgħa tal-lokalita' issir fit-28 ta' Jannar 2019 fis-6.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel mad-data.

**363.10**

**Tmiem tal-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fis-6.30 p.m. u s-Sindku ppproponiet li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar it-Tnejn 10 ta' Diċembru 2018 fil-5.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 28 ta' Novembru 2018.

| | |
|---|---|
| Dr Alessia Psaila Zammit | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Annex 1

The Siġġiewi Local Council does not allow car or horse racing in the road known as Triq ta' San Niklaw.

The permit is being provided for filming purposes only and there should be no car/horse racing in the mentioned road.

If cars are going to be used for filming, driving should not exceed 40kmh and the organisers should abide by health and safety regulations, ensuring that no damage is caused to the road and properties in the vicinity.

The organisers are responsible for acquiring any other necessary permits for this activity, an insurance policy and risk assessment reports. The organisers should take all necessary measures and precaution to avoid an accident. Any stunts causing risk to the persons involved or persons nearby, damages to the road or to nearby properties should be avoided. The organisers are responsible for the event and will be held responsible for any action causing an accident or damage.

The organisers should allow full access to farmers and residents who own properties that need to be accessed from the mentioned road. Full access should also be allowed through any roads that have to be accessed from Triq ta' San Niklaw.

The organisers must ensure that Police officers/wardens are present on either side of the road, to guide traffic and ensure that no car racing takes place during this event while also ensuring that these permit conditions are adhered to. The Police officers/wardens should be provided at the expense of the organisers.

The organisers must ensure that the road is clean and in good condition after the event. Cleaning services are to be provided at the expense of the organisers, who will be held responsible if road is not cleared, cleaned and in the same condition as it was prior to the event.

The Siġġiewi Local Council is not a partner in this event and is not responsible for any activity or stunt organised by this event. The organisers are responsible for ensuring that health and safety measures are in place for any action or stunt to be filmed. The Local Council insists that conditions of permit must be adhered to at all times. The permit with the above conditions is valid for Saturday 1 December to Sunday 2 December from 7.30am till 4.30pm.